MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 647/1997/1

Saviour Barbara
vs
Chairman tal-Air Supplies and Catering Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta tat-12 ta' Mejju 1987 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li nghata transfer.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor:

Illi r-rikorrent kien dahal jahdem mal-kumpanija Air Supplies f'Mejju tal-1987. Illi wara tliet snin ir-rikorrent kien sar parti mill-haddiema tal-Awziljari u fl-1992 huwa gie trasferit ghal mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jaghmel xoghol ta' purtinar. Illi r-rikorrent huwa konvint li dan kien transfer b'mottiv politiku, u dan ghaliex ma kien

hemm ebda raguni valida ghaliex ir-rikorrent kellu jigi trasferit minn mal-kumpanija ta' l-Air Supplies ghal mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni dwar l-ilment tieghu quddiem it-Tribunal, lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi r-rikorrent jigi ordnat illi jerga' jmur jahdem ma' l-Air Supplies, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jidhirlu xieraq it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZJONIJIET:**
Ra r-risposta tac-Chairman Air Supplies and Catering Company Limited li eccepixxa:

Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda u dana ghar-ragunijiet segwenti:

Ir-rikorrent kien impjegat irregolarment mal-Kumpanija intimata.

Ir-rikorrent kien gie trasferit mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, kien fuq istruzzjonijiet tal-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru skond ittra tat-30 ta' Novembru 1992. (Dok A).

Illi l-Management and Personnel Office kien qed jagixxi skond ftehim li kien sar bejn il-Gvern u l-General Workers' Union li taghha r-rikorrent kien membru.

Illi r-rikorrent, ai fini tal-Kumpanija intimata, qatt ma kien kunsidrat bhala impjegat regolari mas-socjeta` intimata.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ghar-ragunijiet ohra li jistghu jinqalghqu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-intimat talab lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Xehed ir-rikorrent li semma li fis-7 ta' Mejju 1987 beda jahdem l-Air Supplies u dam bejn wiehed u iehor sena jaghmel xoghol ta' tindif u kull ma kienu jqabbduh jaghmlu. Qal li sussegwentament gie mwaqqaf minn ma' l-Air Supplies u ghamel perjodu mal-Gvern u mbaghad gie trasferit ma' l-Education jaghmel xoghol ta' General Hand. Semma li mhux wahdu kien li gie trasferit izda kienu madwar 40 ruh. Qal li kien hemm xi whud minnhom li nghataw xi xoghol fis-sajf ghal zmien temporanju mal-Airmalta izda lir-rikorrent qatt ma sejhulu. Sostna li ma nghata l-ebda raguni ghaliex gie trasferit ma' l-Education Department u huma li kienu ma' l-Awziljari kienu ttimbrati ta' kulur politiku ahmar u r-rikorrent hass li ghalhekk gew trasferiti.

Qal li l-kumpanija Air Supplies qatt ma qalulu li gie dikjarat bhala haddiem irregolari u sar jaf li kien irregolari wara li kien gie mwaqqaf. Semma li hu kien membru tal-GWU u ma kienx jaf ir-raguni ghalfejn kien gie mwaqqaf mill-Air Supplies. Qal li hu kien fl-Awziljarji wara li qatghuh minn mal-Air Supplies u li hu kien imur il-laqghat tal-GWU u f'dawk il-laqghat dejjem gie ttammat li kienu ser jirrangawlu biex jerga' jmur lura l-Air Supplies. Qal li aktar tard inghata impjieg permanenti mal-Gvern u ghadu sal-gurnata tal-lum fl-Education Department. Semma li meta

kienu dahlu, kienu dahlu wkoll ghoxrin mara u lil dawk l-ghoxrin mara kienu dahhluhom lura ma' l-Air Supplies izda lilhom qatt ma dahhluhom lura. Qal li huma tnehhew minn mal-Air Supplies wara l-elezzjoni tal-1987.

Xehed Tony Zarb li qal li fl-1987 kien Segretarju Port u Trasport tal-GWU li fih kien jinkludi l-Air Supplies, l-Airmalta u d-DCA. Ftakar li dak iz-zmien kien hemm numru ta' haddiema irregolari li mill-Air Supplies kienu baghtuhom ma' l-Airmalta u dan minhabba li dawk il-haddiema kienu zejda. Zied jghid li fl-1987 kien hemm agreement bejn il-Unions u l-Gvern li jghid illi dawk il-haddiema jekk jinqala' l-bzonn ma' l-Air Supplies, l-Air Supplies trid terga' tirrikorri ghal dawn il-haddiema. Semma li dak iz-zmien il-Union kienet ghamlet azzjonijiet industrijali ta' simpatija bil-haddiema ta' l-Airmalta liema haddiema kienu jahsbu li dak li kien qed jigrilhom kien minhabba l-opinjoni politika taghhom.

Qal li r-rikorrent kien gie meqjus bhala haddiem irregolari mill-Gvern u li dak iz-zmien mhux l-Air Supplies biss kellhom haddiema irregolari impjegati maghhom. Semma li l-Airmalta u l-Air Supplies kienu mxew skond il-linji u l-parametri tal-Gvern u lir-rikorrent u lill-impjegati irregolari kollha kien instabilhom impjieg permanenti. Zied jghid li l-impjegati kollha kienu gew infurmati u l-grupp shih li kienu ntbaghtu mal-Airmalta fosthom ir-rikorrent kienu ghamlu xoghol ta' maintenance konness ma' l-Airmalta.

Xehed Dione Giorgio rapprezentant tal-MPO fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li esebixxa dokument li juri l-lista ta' nies li qed jigu meqjusin irregolari f'liema lista r-rikorrent qieghed indikat u li din hija konfermata mill-E.T.C. Qal li hu ma kienx involut bl-ebda mod f'dan il-ftehim u li ma jaf xejn aktar dwar dan.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi r-rikorrent jilmenta mill-fatt li spicca jahdem mill-Air Supplies u gie trasferit ghad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fl-1992. Irrizulta li r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Air Supplies f' Mejju 1987 b' mod irregolari.

Illi mid-Dokument esebit a fol 5 et Dok C-1 jirrizulta li kien ftehim milhuq bejn il-Gvern u l-General Workers Union fid-9 ta’ Ottubru, 1987. Dan il-ftehim jitkellem dwar haddiema regolari u irregolari. Ghar-rigward ta’ dawk il-haddiema li gew impjegati irregolarment dawn kellhom jigu stabbiliti kaz kaz min huma mal-Unions. Dawn il-haddiema kellhom:

- jitqiesu bhala “casuals” u jibqghu hekk kunsidrati sakemm jinghataw xoghol permanenti;
- sakemm jinghatw dan ix-xoghol ikunu flessibbli.
- ix-xoghol permanenti jinghata jew fis-settur li jaqa’ taht il-kontroll tal-Gvern jew fis-settur privat, skond kif jaghzel l-individwu;
- il-haddiema jikkonkorru ma’ min qieghed jirregistra.

Ikkunsidra li l-Artikolu 110 subartikolu (6) tal-Kostituzzjoni jghid li:

“Dhul f’ impiegi ma’ kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b’ xi ligi jew taht xi ligi ohra, u ma’ kull socjeta` jew korp iehor li fih il-Gvern ta’ Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm-il darba dak id-dhul ma jkunx sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta’ dan l-artikolu.”

Ghalhekk id-dhul fl-impieg tar-rikorrent sar bi ksur manifest tal-artiklu 110 subartiklu (6) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Il-pozizzjoni tar-rikorrent xejn ma kienet sabiha u nies bhalu kienu f’ pozizzjoni kompletament fluwida.

It-Tribunal jixtieq jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fit-22 ta’ Novembru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et fejn qal:

“Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li

f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136."

Illi r-rikorrent ghamel allegazzjoni fejn xi 20 mara kienu gew imhollija jibqghu jahdmu fl-Air Supplies. Izda dan ma gab ebda prova ta' xi cirkolari li kienet harget dwar dawn, la ta indikazzjoni ta' isimhom u ma gab ebda prova ohra dwar li saret xi diskriminazzjoni bejn il-haddiema nisa u irgiel.

Illi ghalhekk il-pozizzjoni tar-rikorrent hija wahda ta' bniedem li dahal f' impjieg b' mod irregolari u li ghalhekk dan ma kellux id-drittijiet dwar trasferimenti. Anqas ma rrizulta b' ebda mod li t-transfer tieghu sar b' xi mod vendikattiv jew irregolari ghax infatti la tezisti sensiela ta' trasferimenti u anqas ma jirrizulta li r-rikorrent intbaghat f' xi post li kellu cirkostanzi ambjentali difficli. Illi ghalhekk fil-kaz in ezami ma jirrizultax li fil-konfront tar-rikorrent dan garrab ingustizzja b' konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita bi hsara ghalih. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------